**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 23 ta' Marzu, 2017

Rikors Nru : 11/17 AL

**AB**
**VS**
**CB**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors illi gie ikkonfermat bil-gurament mir-rikorrenti, li permezz tieghu ppremetta :

ILLI l-partijiet izzewgu fil-Knisja Parrokkjali ta' San Guzepp Haddiem, Birkirkara fit-30 ta' Dicembru 1988 (Certifikat anness **Dok MA 1**).

ILLI minn dan iz-zwieg huma ghandhom zewgt itfal li huma lkoll maggiorenni.

ILLI l-partijiet isseparaw legalment minn xulxin permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni personali fl-atti tan-Nutar Ritienne Bugeja Fenech tas-17 ta' Dicembru 2012 (Vide **Dok MA 2** anness).

ILLI m'hemm ebda prospett ragjonevoli ghal rikonciljazzjoni bejniethom stante illi mhux biss ilhom snin twal mifrudin, izda sahansitra ghandhom hajja totalment separata minn xulxin.

ILLI m'hemm ebda manteniment dovut lill-intimata stante li ai termini tal-artikolu 4 tal-kuntratt ta' separazzjoni il-mara m'ghandiex dritt ghal manteniment filwaqt li kwantu ghat-tfal m'hemm ebda manteniment dovut in kwantu huma lkoll maggiorenni.

ILLI ghalhekk il-kundizzjonijiet kollha mahsuba fl-artikolu 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta huma sodisfatti.

Talab ghar-ragunijiet fuq imsemmija, li l-intimata tghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex:

(1) Tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet.

(2) Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fiz-zmien imholli ghal daqshekk minn din l-Onoroabbli Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju/hall taz-zwieg tal-partijiet sabiex dan jigi debitament registrat skond il-Ligi.

Illi l-esponenti ma ghandhiex tbati l-ispejjez tal-prezenti;

Rat id-dokumenti kollha illi gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tat-2 ta' Frar, 2017;

Semghet lill-intimata prezenti fl-awla tiddikjara li ma ghandha l-ebda oggezzjoni li jintlaqghu it-talbiet kontenuti fir-rikors promotur;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti rat li r-rikorrenti irnexxielu jissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ipprova illi l-partijiet ilhom legalment separati mis-17 ta' Dicembru 2012;

Illi ir-rikorrenti ipprova ukoll illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' hlas ta' manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.